MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 1044/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Nahi Houdaifa (ID 23354A) u martu Vincensina Houdaifa (ID 291149M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie premess:-

Illi permezz ta' zewg kuntratti (wiehed ta' self u l-iehor self u kompro-vendita) fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa', t-tnejn datati 5 ta' Gunju 2007 (Dok HSBC1 u HSBC2 hawn

annessi) l-intimati Nahi u Vincensina konjugi Houdaifa gew konfermati debituri tal-Bank rikorrent.

Illi ghalkemm saru diversi pagamenti l-intimati baqghu debituri tas-socjeta' rikorrenti.

Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratt u s-socjeta' rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 258 ( c ) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati ghall-bilanc li ghadu dovut.

Ghaldaqstant il-bank attur qed jitlob li jigi awtorizzat jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 285(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn … li jkun qieghed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru u naqsu li jippresentaw in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom.

Semghat lix-xhud prodott mill-bank attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet tal-bank attur jirrizultaw sufficjentement gustifikati u ppruvati u konsegwentement jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tal-bank attur u tawtorizza l-istess bank attur jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-

titolu esekuttiv imsemmi fir-rikors guramentat stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-kuntratt in kwestjoni u stante li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------